Issa ili ftit intella' u nniżżel jekk għandix noħroġ dak kollu li kont qed inżomm fija għal bosta snin. Illum iddeċidejt li niżvoga u niftaħ qalbi magħkom. Ma nafx minn fejn sibt il-kuraġġ imma l-ħajja għallmitni li meta jkollok xi problema jew dwejjaq u ma taqsamx dak li jkun qed iweġġgħek ma' ħaddieħor, it-tagħbija se tħossha d-doppju! U minn hawn tibda l-istorja tiegħi...

Mela darba, għax qaluli li kull rakkont jibda hekk, twelidt jien. Ommi tgħidx kemm ferħet bija. Kemm tkessħet u ftaħret li jien gustuż. Semmietni Ħi-Ħo! Għandi rasi ftit kbira u widnejja twal mhux ħażin. Għandi denb ukoll. Kuluri griż. Leħni ma tantx hu sabiħ u kull meta nsemmgħu, jiddieħku bih. Iva, prosit! Sewwa qed taħsbu – jien ħmar. Imma kieku tafu x'kurżita' għandi. Nispera li tgħinuni. Tgħid għaliex meta jkun hemm xi ħadd li ma jkunx bravu jispiċċaw jgħidulu ħmar? Jien x'tort għandi jekk jien injorant? Mela jien xi darba mort skola? U allura għaliex minn tant annimali li ma jmorrux skola bħali kelli nkun jien il-beżżul li ningħata dan it-titlu? Wara kollox, hawn xi ħadd li jieħu gost jekk jissejjaħ "ħmar"? Le hux? Mela allura la għandek iċ-ċans tmur l-iskola u titgħallem, tagħtix din l-opportunita' bis-sieq, għax jien għandi skuża tajba imma inti le.

Avolja ta, xi drabi ngħid li ħaqqni agħar minn hekk. Ħaqqni fuq li ħaqqni li jgħiduli "ħmar". Mela mhux ħmar trid tkun biex tħalli lill-bnedmin jitrattawk b'dak il-mod? Il-ġurnata tiegħi tibda minn x'ħin ikun qed ibexbex sakemm tbatti x-xemx qalila, naħdem bla heda fl-għalqa ta' sidi. U bħal donnu dan ma jkunx biżżejjed, arah jgħabbili fuq dahri dak li jiġi għal idejh, biex jekk jista' jkun neħilsu fi vjaġġ wieħed! Anzi tgħid xejn, issa rama daqsxejn ta' karettun li jgħinni ntaffi ftit dik it-tbatija. Niflaħ jew ma niflaħx, ikolli nibqa' għaddej biex nevita xi daqqa ta' frosta wkoll.

Imma bħal kollox fil-ħajja, kulħadd għandu t-tajjeb u l-ħażin. U jien xejn b'inqas. M'għandkomx għalfejn tistagħġbu tafux. Dalwaqt se naqtalkom il-kurżita'. Jiena, Ħi-Ħo, illum hawn quddiemkom, niddikjara b'rasi mgħollija, li jien kburi li jien ħmar. Kburi bl-antenati tiegħi u bix-xorti li missitni. Le, nassigurakom li m'inhix fis-sakra, ilma biss nixrob jien. Ma tlift l-ebda skorfina, lanqas, serrħu raskom. Iddeċidejt li ngħidilkom storja li rrakkontatli ommi ftit ilu biex tgħollili l-moral meta wara jum xogħol ta' tbatija, bdejt inħoss kemm kien ikun aħjar li ma twelidt xejn, jew imqar li ma ġejtx ħmar. Għalkemm

għaddew iżjed minn elfejn sena, din l-istorja baqgħet tintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra. Naf li mhu se ngħid xejn ġdid u li intom diġa' tafuha din l-istorja, imma ma naħsibx li qatt tajtu kas li dakinhar kien hemm il-buż-buż-buż-buż-buż nannu tiegħi!

Mara li kien jisimha Marija, kien se jkollha tarbija. Hi u żewġha Ġużeppi, riedu jmorru Betlem. Għalhekk il-mara rikbet fuq il-buż-buż-buż-buż-buż nannu tiegħi u telqu. Ġara, iżda, li meta waslu hemm ma sabux post fejn joqogħdu u kellhom jikkuntentaw bi stalla. F'dak il-lejl twieled Ġesù. Marija geżwritu fi ċraret u poġġietu f'maxtura.

Peress li kien il-ksieħ, il-buż-buż-... (insomma, issa tafu min), resaq viċin biex jagħmillu ftit tas-sħana. Ftit wara sar jaf li Ġesù kien l-aktar bniedem importanti fid-dinja. Tistgħu taħsbu kemm feraħ u għajjat biex jiċċelebra. Ma nafx kif jgħidu li "naħqa ta' ħmar qatt ma telgħet is-sema", għax anke l-anġli semgħuh!

Allura ngħid jien, ħmir kemm aħna ħmir, ir-razza tiegħi kienet minn tal-ewwel li rat lil Ġesù! U ta' ħmar li kien, il-buż-buż... (ħeq-ħim) għenu biex iżomm ruħu sħun! Mhux tajjeb, jew? Irrid nirringrazzja lil Alla li ġabni ħmar. Naħseb li hawn iktar nies "ħmir" minni li ma japprezzawx dak kollu li għandhom. Qabel ma nħallikom, nixtieq niġbdilkom ftit l-attenzjoni dwar kemm il-bnedmin ma tantx għandhom ilsienhom taz-zokkor. Jekk tkun injorant jgħidulek "ħmar", jekk tkun kattiv, jgħidulek "kelb", jekk tkun goff jgħajruk "bodbod", jekk tkun wikkiel tissejjaħ "ħanżir"... u l-lista ma tintemm qatt.

Biss intom qatt ħsibtu l-annimali xi jsejħulkom? Ħaħaħa, jien naf, imma mhux se ngħidilkom. Ħallejtkom għalissa. Ħi-ħo!

Kitba ta' ***Eden Micallef (F3)***